**Minuti tal-22 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 2 ta' Frar 2017 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ic-chairperson semma li l-Kumitat kellu jkun jaf kemm għandu flus allokatti lilu. Is-Segretarju semma li huwa se jara skont l-emails li kellu fejn hemm xi email b' dan is-suġġett biex jgħaddi din l-informazzjoni lill-Kumitat Amministrattiv.

2.2 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-bus shelters jekk kienx hemm xi progress. Is-Segretarju semma li Transport Malta kienet ħarġet it-tenders għall dan ix-xogħol u huma qed jistennew sabiex isir evalwazzjoni. Huwa qal li rridu nistennew ftit ieħor biex naraw l-andament fuq dan it-tender.

**3. KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sur. Borg semma li kienet idea tajba li niżżilna l-iskips fejn il-Kappella. Is-Segretarju semma li hawn kien qed ikun hawn diversi ilmenti fuq l-iskart industrijali li kienu qed jarmu. Huwa qal li din setgħet tkun soluzzjoni tajba. Saliba saqsa meta kienu se jsiru l-

3.2 Is-Sur. Gatt semma jekk il-Kumitat Amministrattiv kellux xi informazzjoni fuq l-iżvillup li kien se jsir maġenb Triq il-Vitorja. Is-Segretarju qal li huwa se jkun qed ifittex fuqha fuq is-site tal-Planning Authority biex jara jsibx xi dettalji.

3.3 Is-Sur. Gatt saqsa fuq il-liwja ta' Triq Wied in-Noqor. Is-Segretarju semma li huwa kien mar fuq il-post u kien għamel rapport mill-ewwel lil Planning Authority billi dan kien qed itella xi ġebel mingħajr permess. Dawn marru jkellmuh mill-ewwel u ħadu azzjoni. Huwa qal li qed jagħmel pressjoni fuq dan il-każ biex fl-aħħar tittieħed azzjoni.

3.4 Is-Segretarju semma li fi Triq Ħal Farruġ kien qed isir id-dawl u daħalu rapport li dan kien waqaf. Huwa qal li kien bagħat email lil engineer u kien kellmu x' kien qed jiġri fejn dan qallu li x-xogħol kellu jitkompla fil-jiem li ġejjin.

3.5 Is-Sur. Gatt semma li l-mera li kien hemm fit-Triq tiegħu kellha siġra quddiemha li kienet qed tgħattiha. Huwa qal li din kellha bżonn tinżabar.

**4 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 2 ta' Frar 2017 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

________________________ ________________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv